



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 24 ta' Marzu 2022
(OR. en)

7230/22
ADD 1
LIMITE
PV CONS 14
SOC 157
EMPL 100
SAN 157
CONSOM 61

ABBOZZ TA' MINUTI

KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

(Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur)

14 ta' Marzu 2022

Dikjarazzjonijiet għall-punti "A" mhux leġislattivi msemmija fid-dokument 6927/22

Dwar il-punt "A" **Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-UE fiċ-Ċentru**
numru 5: **Internazzjonali għas-Soluzzjoni ta' Tilwim dwar Investment (ICSID)**
 Adozzjoni

DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI

"Il-Kummissjoni tinnota li skont l-Opinjoni 2/15 tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, is-soluzzjoni tat-tilwim dwar l-investment barrani mhux dirett u l-investment taqa' fil-kompetenza kondiviża bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha. Il-Kummissjoni tinnota li d-Deċiżjoni riveduta tal-Kunsill ħassret din il-parti tar-referenzi għall-Opinjoni 2/15 mill-Premessa 3 tad-Deċiżjoni. Il-Kummissjoni tixtieq tfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja esprimiet espliċitament din il-pożizzjoni fil-paragrafu 293, fil-paragrafu 305, kif ukoll fil-parti operattiva tal-Opinjoni 2/15. Il-Kummissjoni għalhekk tqis li l-Premessa 3 riveduta tad-Deċiżjoni tal-Kunsill ma tirriflettix b'mod preċiż is-sustanza tal-Opinjoni tal-Qorti fir-rigward tad-delimitazzjoni tal-kompetenzi fil-qasam tas-soluzzjoni tat-tilwim dwar l-investment."